Nispiċċaw b"talba tassew ħelwa li ġbart minn fomm sajjied tax-Xlendi, li aktarx hija magħrufa wkoll f'Malta. Il-Madonna qed tħajjar lil Ġesu' jorqod, imma dan ma jistax għax qed jiftakar fl-imsiemer li għad isammruħ mas-salib u fid-duluri li trid issofri Ommu Marija.

Orqod, ibni orqod,
Biex nghattik b'dax-xugaman,
J'Omm, ma nistax norqod
Għax niftakar fil-musmar.

Orqod, ibni orqod,
Ser ngħattik b'dal-maktur,
J'Omm ma nistax norqod
Għax niftakar fid-dulur.

---

## L-GĦAQDA TAL-FOLKLOR

L-Għaqda tal-Folklor twaqqfet kif inhi issa fl-1964 bil-għan li tinkuraġġixxi l-istudju u l-interess fil-folklor ta' Malta u Għawdex. Tul iż-żmienijiet organiżżat diversi wirjiet u attivitajiet oħra, inklużi essay competitions, ħarġiet, taħditiet u l-ħarġiet ta' L-Imnara.

Il-Kumitat għas-sena 1993 u 1994 huwa ffuramat hekk:

President: Guido Lanfranco; Viċi President: Ġużi Buontempo;
Segretarju: Alfred Fenech; Assistent Segretarju: Thomas Agius;
Teżorier: J. Porsella Flores; Assistent Teżorier: Maria Pisani;
Membri: Gerard Cacciattolo, Angelo Dougall, Joseph Fenech, Alfred Galea, Paul Portelli.

Il-ħlas tas-sħubija fil-Għadqa huwa ta' Lira Maltija fis-sena, u dan jinkludi l-ħarġa ta' L-Imnara ta' dik is-sena mħallsa. L-indirizz tas-Segretarju huwa:

Alfred Fenech, "Grezz" Triq id-Dirsa, Attard.